MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2005

Numru 695/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**
v

**HENRY GRIXTI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **HENRY GRIXTI** ta' erbgha w erbghin sena bin Alfred u Angolina nee Azzopardi, imwieled Pieta nhar l-hamsa ta' Ottubru 1958 u residenti 102, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita` numru 651558M gie imressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fis-sbatax ta' Awissu 2003 u fiz-zminijiet precedenti, fil-Furjana u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, l-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott t'industrija, jew manufattura, jew xjentement, ghamel ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh, jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe ammont sostanzjali ta' audio CD's, DVD's u VCD's u Playstation games allegatament foloz kif wkoll hwejjeg ohra;

2. Talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassmu xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta;

3. Talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1992, tletin ta' Gunju 1996, kif wkoll kiser il-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kap 152 li nghata b'sentenza datata disgha ta' Settembru 2002.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghoxrin ta' Awissu 2003 esebit fl-atti a fol 35 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370 [4], 390 [1] u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'

Malta nhar l-ewwel ta' Marzu 2004, kif jirrizulta a fol 39 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti nkluz s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 199 markata bhala dokument HD 1 [fol 45], sentenza ohra wkoll moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Settembru 1996 markata bhala dokument HD 2 [fol 48], sentenza ohra moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima nhar d-disgha ta' Settembru 2002 markata bhala dokument HD 3 [fol 20].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehdet l-Ispettur Helga Debono [**fol 40] tal-atti fejn qalet li fis-sbatax ta' Awissu 2003, kienet giet infurmata mill-ufficju tad-Drug Squad, li kienu ghamlu xi surveillance f'garaxx jew store fil-Floriana Car Park fejn hemmhekk indunaw li kien hemm persuna li wara saru jafu li kien l-impuat odjern li kien qed inewwel xi affarijiet lil zewgt itfal. Huma mill-ewwel marru fuq il-post peress li hasbu li kienet kwistjoni ta' droga fejn sabu lil imputat jaghti xi CD's lit-tfal. It-tfal lahqu harbu pero l-imputat kien gie arrestat.

Meta staqsiet waqt l-investigazzjoni taghha lil imputat x'kien qed jaghmel hemmhekk hu ghazel li ma jwegibx. Qalet li kien hemm ammont sostanzjali ta' CD's u ghalhekk dan ittiehed l-Head Quarters ghall-interrogazzjoni. Meta hu gie mistroqsi fuq dan s-CD's hu ghogbu li ma jirrispondix ghal hafna domandi pero ghazel li jirrilaxxja stqarrija nhar t-tmintax ta' Awissu 2003 fil-presenza ta' PC 561 David Portelli wara li gie moghti s-solita twissija. Fil-fatt l-imputat kien ghazel li ma

jirrispondi ghal ebda domanda li saritlu u fil-fatt lanqas iffirmaha.

Ix-xhud esibit stqarrija datata tmintax ta' Awissu 2003 li giet mmarkat bhala dokument HD u li fuqha ix-xhud gharfet kemm il-firma taghha u ta' PC 561 David Portelli, esibit wkoll tlett sentenzi wahda datata sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1992, ohra tletin ta' Settembru 1996 u ohra disgha ta' Settembru 1002 li gew immarkati bhala dokumenti HD 1 sa HD 3.  Ix-xhud esibit wkoll tmintax il-ritratt mehuda minn PC 186 Christian Mintoff bhala membru tas-Scene of the Crime li gew mmarkati bhala dokument HD 4.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehed PS 268 Stephen Monreal** [fol 53] tal-atti fejn qal li nhar s-sbatax ta' Awissu 2003, kellu struzzjonijiet minghand d-Drug Squad sabiex imur go garaxx fil-Furjana vicin l-Phoenicia Laundry fejn allegatament kien hemm xi abbuz tad-droga u ghalhekk mar fuq il-post fejn hemm sab garaxx partikolari fejn ra lil imputat odjern.  Mal-art ma gembu kien hemm diversi kaxxi tal-kartun li fihom kien hemm numru ta' CD's u ghalhekk peress li ma kienetx kwistjoni ta' droga, informa lil Economic Crimes Section b'dan.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehed PS 1044 Gordon Calleja** [fol 58] fejn qal li nhar s-sbatax ta' Awissu 2003, hu kien gie moghti struzzjonijiet sabiex imur f'garaxx fil-Furjana vicin l-Phoenicia Laundry ghaliex allegatament kien qed isir xi abbuz tad-droga u ghalhekk mar fuq il-post fejn hemm sab garaxx partikolari u go fih kien hemm l-imputat odjern u hdejh kien hemm diversi kaxxi tal-kartun b'numru ta' CD's fihom w ghalhekk informa lil Economic Crimes Unit.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehed PS 561 David Portelli** [fol 60] fejn wara li ra l-istqarrija esibita fl-atti bhala dokument HD  datata tmintax ta' Awissu 2003, fuqha gharaf il-firma tieghu, kif wkoll l-firma tal-Ispettur Helga Debono fuq iz-zewg faccati.  Ix-xhud gharaf lil imputat presenti fl-awla bhala l-istess persuna li rrilaxxjat

l-istess stqarrija, liema stqarrija giet rilaxxjata wara li l-imputat kien gie moghti s-solita twissija.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehed PC 445 Adrian Paul Bugeja** [fol 62] fejn qal li nhar s-sbatax ta' Awissu 2003, ghal habta tal-hdax u kwart ta' filghodu kienet waslitlu telefonata sabiex imur jaghmel xi verifiki fil-car park li hemm taht l-Phoencia in konnessjoni ma droga. Ghalhekk hu kien mar hemmhekk flimkien ma ufficjali ohra u cioe PS 1044 Gordon Calleja u PS 268 Stephen Monreal u hemmhekk sabu garaxx partikolari li fih kien hemm l-imputat odjern u ma gembu kien hemm diversi kaxxi b'numru ta' CD's fihom.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehed PS 513 Anthony Gerada** [fol 64] fejn wara li ra s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali markat bhala dokument HD 1 qal li dwar dik is-sentenza hu ma jiftakarhiex, pero jaf li waqt li kien stazzjonat l-Ghassa l-Belt Valletta, kellhom xi kaz tal-imputat Henry Grixti u li fih kien hemm l-Ispettur Carmelo Micallef.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 **xehed PS 812 Saviour Spiteri** [fol 66] fejn wara li ra s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Settembru 1996, markat bhala dokument HD 2 qal li dwar dik is-sentenza hu jikkonferma li l-persuna fiha imsemmija hija l-istess imputat presenti fl-awla li kontrih din s-sentenza nghatat.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 2004 **xehed PC 186 Christian Mintoff** [fol 69] fejn wara li ra sett ritratti esibit bhala dokument HD 4, ikkonferma li dawn kienu gew mehuda minnu stess nhar s-sbatax ta' Awissu 2003 u kienu jikkoncernaw allegat pirated CD's f'garaxx numru 2, Floriana Car Park.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 2004 **xehed Mario Buttigieg** [fol 71] fejn wara li ra sentenza esibita datata disgha ta' Settembru 2002 fil-konfront ta' Henry Grixti, ikkonferma li l-imputat hemm imsemmi huwa l-istess imputat odjern u hu kien l-Ufficjal Prosekutur w Investigatur f'dik il-kawza.

Illi nhar t-tnejn ta' Mejju 2005 **xehed Dottor Patrick Galea** [fol 152] fejn esibixxa s-soliti prokuri mibghuta lilu liema dokumentazzjoni giet mmarkata bhala dokument PG [fol 154 et seq].

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2004, il-Prosekuzzjoni esibit hmistax il-kaxxa b'mod formali kontenenti CD's u DVD's [fol 68] u talbet li jigi nominat espert sabiex jezamina dawn d-dokumenti esibiti.

Illi l-Qorti kienet laqghet tali talba u dakinhar stess tal-wiehed u ghoxrin ta' April 2004 hija nnominat lil Martin Bajada biex jezamina l-oggetti esibiti formalment mill-Prosekuzzjoni w ordnat li l-imputat ikun presenti ghal ezami materjali in kwistjoni.

Illi nhar s-sebgha ta' Lulju 2004 **xehed Martin Bajjada** [fol 75] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MB [fol 76]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2004, l-espert fil-presenza ta' l-imputat u xi Pulizija kien gabar mill-Quarter Master tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija kampjun tal-hames mija hamsa w disghin oggett. Fil-fatt, jghid l-espert, li kien l-imputat li ghazel l-kampjuni konsistenti f'sittax il-compact disc u dan *at random*.

L-espert spjega li l-analisi li huwa hejja fuq il-compact diskettes sar a basi ta' konformita' tal-esibiti mal-prodott originali u cioe mal-compact diskettes kif awtorizzati mill-awturi rispettivi w ricerka mill-espert f'data bases kontenenti informazzjoni dwar il-prodott originali.

Illi huwa kkonkluda billi stqarr li d-DVD's u CD' s salv u b'eccezzjoni ghal sitta w ghoxrin li kienu *blank* jew *damaged*, huma kollha ***non compliant***.
Issa fit-tifsira moghtija minn dan l-espert ghal kelma *non compliant* l-espert ried ifisser biss li l-prodott ma hux konformi fil-kwalita, fl-apparenza, fil-kontenut, u fl-ippakkjar mal-prodotti licenzjat mill-awtur rispettiv.

Ikkunsidrat;

Illi d-Difiza sostniet fit-trattazzjoni taghha li l-Prosekuzzjoni m'irnexxiliex tipprova li l-oggetti esibiti jappartjenu lil imputat ghaliex fil-fehma taghha, l-imputat ma kienx fil-garaxx dakinhar tal-ispezzjoni w ghalhekk jonqos in-nexus bejn l-imputat u l-esibiti. In oltre, qalet wkoll li l-Prosekuzzjoni m'irnexxiliex tipprova li l-garaxx huwa tal-imputat w ghalhekk l-kaz taghha mhux ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi.

Dwar din s-sottomissjoni il-Qorti ma taqbel xejn ghaliex jirrizulta minn diversi xhieda li l-imputat kellu l-pussess tal-garaxx ghaliex kien go fih meta marru l-Pulizija, tant li qal wkoll li kien hemm zewgt itfal li marru jigru 'l hemm.

Ghalhekk tali sottomissjoni tad-Difiza qed tigi michad in toto.

Dwar l-ewwel akkuza, u cioe dik ta' qerq fil-kummerc u fl-industrija jirrizulta li l-legislatur ipprovda ghal spustjar tal-onus fl-artikolu 299 tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex fil-kaz ta' reat ta' qerq fl-industrija jew kummerc, l-akkuzat <u>ghandu jitqies</u> li mexa dolozament kemm il-darba huwa ma jippruvax li ma kellux hsieb doluz.

Issa f'dan il-kaz, l-imputat ma xehedx u fl-istqarrija li rrilaxxja, m'ghogbu jirrispondi ghal ebda domanda li giet imposta lilu w ghalhekk fl-ebda stadju ma huwa ttanta jgheleb din il-presundzjoni *iuris tantum*. Dan pero, ma jfissirx li l-ligi ghamlet l-ispustjar tal-onus dwar il-presunzjoni tal-innocenza tal-imputat w ghalhekk b'dan, il-Qorti trid tfisser li l-Prosekuzzjoni xorta trid tipprova l-kaz taghha hi sal-grad rikjest mill-ligi.

Il-Prosekuzzjoni f'dan l-kaz, ippruvat bla dubbju ta' xejn, li l-imputat kien ma gemb l-merca li giet esibita formalment u li l-istess merca hi *non compliant*.

L-imputat gie wkoll akkuzat **fl-ewwel lok** li ffalsifika jew biddel minghajr l-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki, jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodotti ta' industrija jew manifattura [artikolu 298 (1)(a) tal-Kap 9],

**fit-tieni lok** li xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li fihom indikazzjoni li tqarraq lix-xerrej dwar x-xorta tal-merkanzija jew li biegh l-merkanzija [artikolu 298(1)(b) tal-Kap 9] u **fit-tielet lok** li xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal biegh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe ammont sostanzjali ta' audio CD's, DVD's u VCD's. u playstations allegatament foloz.

Ta' min jfakkar dak li gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Gawdenzio Borg**, fejn inghad li

*"Bil-kelma 'emblema, wiehed ghandu jifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi jew kombinazzjoni li xi whud minnhom, mahsuba sabiex iwasslu messagg possibilment dwar l-origini, l-provenjenza jew n-natura tal-merkanzija* [vide **Il-Pulizija v Alexander Pisani**, ***deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-hamsa ta' Marzu 1997***] *gie ritenut li l-emblema trid tkun imxebbha b'qerq, jigifieri maghmula tixbah, u ghalhekk mhux necessarjament identika ghal wahda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess, naturalment jinghad ghal marka jew sinjal, dawn iridu jkunu jixbhu marka jew sinjal awtentiku, ma hemmx ghalfejn li l-marka, sinjal jew emblema jkunu stampati, tista tkun mehjuta.*"

Illi minn ezami tal-provi migbura ma jirrizulta xejn minn dan. Jirrizulta li l-merca in kwistjoni hija piratata, fotokopjat pero ma jfissirx li kien hemm xi *tampering* ma xi sinjali jew emblemi tal-prodott originali u ghalhekk l-ispustjar tal-onus kif imsemmi fl-artikolu 299 tal-istess Kap 9, ma japplikax.

L-imputat ma jistax jitqies li agixxa dolozament ai termini tal-artikoli moghtija mill-Prosekuzzjoni f'dawn ic-cirkostanzi.

Illi ghalhekk, ghalkemm dak li seta' ghamel l-imputat u cioe li kkopja, huwa skorrett, ma jfissirx li tali agir jaqa taht

d-disposizzjoni tal-artikolu 298(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-espert, kull ma qal dwar l-esibiti huwa li ma kienux konformi fil-kwalita, fl-apparenza, fil-kontenut u fl-ippakkjar mal-prodotti licenzjati mill-awturi rispettivi. Illi ghalhekk, ghalkemm l-agir tal-imputat setgha kien irregolari, zgur li ma jammontax ghar-reati 'n desamina kif moghtija mill-Prosekuzzjoni.

**Dwar t-tieni akkuza**, u cioe dik naxxenti mill-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li kiser d-drittijiet tal-awtur, il-Qorti thoss li ghandha tirriproduci dan l-artikolu:

*"Kull min:*
*1. ghal qligh, jew*
*2. bi skop ta' kummerc,*
*3. jistampa, jimmanufattura, jidduplika jew mod iehor jirriproduci jew jikkopja, jew ibiegh, jqassam, jew mod iehor joffri ghal bejgh jew biex jitqassam,*
*4. xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha…"*

Issa, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li hemm l-istess spostjar tal-onus kif hemm fl-artikolu 298B, w in oltre, hawnhekk, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova, wara li tesibixxi l-kwerela tal-parti offiza, li l-imputat ghamel dak li ghamel dak kollu msemmi fl-artikolu 298B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kwerela tal-parti offiza hija rikjesta *sine qua non* ghal inizjar ta' dawn il-proceduri.

Issa minn ezami tal-kwerela jirrizulta li din saret qabel ma gew inizjati l-proceduri pero meta saret, bir-rispett kollu, Dottor Patrick Galea ma kellux l-awtorita li jagixxi ghan nom tas-socjetajiet minnu rappresentati ghaliex meta l-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-prokuri ndividwali mibghuta lilu minn pajjizi barra minn Malta, jirrizulta li dawn kollha gew formulati w awtentikati waqt l-andament

tal-kawza u cioe **mhux** qabel ma bdiet il-kawza, jew ahjar fil-mument meta giet formulata l-istess kwerela.

Ghalhekk tali kwerela fil-fehma tal-Qorti, m'ghandiex titqies li giet redatta fit-termini ta' dak rikjest mill-ligi w ghalhekk din l-akkuza taht l-artikolu 298(1) qatt ma tista tirrizulta.

In oltre, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, u riprodotti aktar 'l fuq f'din is-sentenza, ma jirrizultax li l-imputat ghamel xi stampar, immanifattura, idduplika, ikkopja, irriproduca, bejgh, qassam, jew offra ghal bejgh xi haga bi ksur tal-jeddijiet tal-awtur, izda li merca ikkupjata kienet fil-pussess tieghu. Minn imkien ma jirrizulta li kien hu li kkopja l-mera esibita.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma li din l-akkuza, wkoll ma tirrizultax ppruvata.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f), 298B, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ma ssibx lil imputat HENRY GRIXTI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------